# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 2 ta' Frar 2021**

## Talba numru 151/2020

***Romina Veneziani (426675M) f'isimha proprju u bħala kuratriċi ad litem ta' bintha minuri Andrea Sant Veneziani***

***vs.***

***Dr Marc Sant (363683M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2020;

Ra r-Risposta ppreżentata fit-12 ta' Awwissu 2020;

Ra li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut taqra hekk:

"*Jiġi eċċepit preliminarjament il-lis alibi pendens u dan stante li fil-kawża fl-istess ismijiet li qed tinstema' quddiem il-Qorti tal-Familja (Ċit. 152/16AL) jirriżulta li l-attriċi qed tippretendi l-ispejjeż kollha li nkorriet bejn is-snin 2011 u 2017 u li jinkludi wkoll spejjeż relatati ma' saħħa u edukazzjoni, u li għalhekk jolqtu, anke jekk in parte, il-mertu odjern, u għalhekk irid l-ewwel jiġi deċiż il-mertu ta' dik il-kawża qabel ma din tista' tiġi ttrattata*";

Ra li fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2020 taw ix-xhieda tagħhom il-konvenut, Dr Marc Sant, kif ukoll l-attriċi, Romina Veneziani.

Ra li fl-istess udjenza t-Tribunal ordna li l-attriċi tippreżenta kopja legali tad-digrieti kollha msemmija fi żmien ġimgħa mill-istess udjenza.

Sema' lix-xhieda u sema' lill-avukati tal-partijiet jittrattaw.

Ra li l-kawża tħalliet għal sentenza preliminari dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet ***<u>Paolo Gatt et vs. Fayton Falzon et</u>*** (deċiża mill-Prim' Awla fil-15 ta' Ottubru 2015), li fiha ġie spjegat:

"*L-iskop tal-eccezzjoni tal-lis alibi pendens hu li jimpedixxi li fuq l-istess kontroversja bejn l-istess partijiet jigu moghtija minn zewg qrati differenti zewg sentenzi, li jista' wkoll, ikunu inkonciljabbli. (**Vol 34 p 358**).*

*Skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, l-eccezzjoni tal-lis alibi pendens hija fondata fuq l-istess tlett elementi ta' res iudicata: eadem res, eadem causa petendi u eadem personam. (**Crocefissa Sammut et. v Joseph Spiteri et.** - App. Civ. 10 ta' Ottubru 2003; **Dingli Co Int.l Ltd noe. v Rainbow Productions Ltd –** PA(RCP) 12 ta' Ottubru 1999).*"

Fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>Reznikov et vs. Kotivov pro et noe</u>*** (deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Marzu 1994) intqal:

"*…defendant's plea of lis alibi pendens is such that the court would be precluded from pronouncing itself on the merits if the plea were founded in law, and therefore, before considering the merits of the present action, the court is to adjudge on the said plea. The plea is somewhat parallel with the plea of 'exceptio rei judicatae'. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time" more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue. The effect of the plea of 'litis pendentia' in the words of section 792 of the Code of Organisation and Civil Procedure is that the Court before which the second action is brought may order the suit to be remitted to the First Court. In fact, doctrine and case law in the matter are to the effect that it is in fact mandatory for the Court to declare its own incompetence ex officio if such plea is founded, in spite of the use of the word 'may' in the said section quoted therein. The essential conditions for this plea is the identity of the two actions which resulted from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subject matter, and the cause of the demand.*"

It-Tribunal jinnota anki dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>Adam Galea et vs. Tarcisio Calleja pro et</u>*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 2001):

"*L-implikazzjoni mbagħad illi din il-Qorti kellha minn rajha tiddeċiedi li tissoprasjedi sakemm jinqatgħu proċeduri oħra li seta' kellhom rifless fuq din l-istanza hi għal kollox anti-ġuridika. Ġustament allura saret riferenza mill-appellati għall-ġurisprudenza li tgħallem illi "fis-sistema ġudizzjarju tagħna, l-Qorti m'għandhiex tissolleva eċċezzjonijiet, li ma hix awtorizzata espressament mill-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta' ordni pubbliku.*

*Dan billi bħala norma l-ġudikant għandu jiddeċiedi l-kawża billi joqgħod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet" (Edwin Grech vs Antida Saglimbene et, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' April 1992).*"

It-Tribunal għandu għalhekk jiddeċiedi jekk jikkonkorrux l-elementi ta' *eadem res*, *eadem personam* u *eadem causa petendi* meta wieħed iqabbel il-proċeduri odjerni mal-kawża li għadha għaddejja quddiem il-Prim' Awla (Sezzjoni tal-Familja). Jekk ma jikkonkorrux it-tlett elementi, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*) (ara ***Cortis vs. Aquilina*** deċiża mill-Prim' Awla fil-25 ta' Settembru 2003).

Huwa notevoli li dwar l-element *eadem causa petendi*, il-Qorti tal-Appell (Superjuri), fis-sentenza fl-ismijiet ***Crocifissa Sammut et vs. Joseph Spiteri*** (deċiża fl-10 ta' Ottubru 2003), qalet:

"*L-element ta' eadem causa petendi ma jifformax ruhu biss b'dak li gie espressament diskuss, imma anki b'dak kollu li seta' gie diskuss.*"

L-Avviż tat-Talba jaqra hekk:

"*L-attriċi titlob illi dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' erbat elef u tmien mija u sitta u tletin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€4,836.95) rappreżentanti nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni inkorsi mill-esponenti Romina Veneziani waħedha għall-ġid tal-minuri Andrea Sant Veneziani u liema nofs kellu jħallsu l-konvenut u dan għall-perjodu bejn Awwissu 2016 u Marzu 2020 u dan skont digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar is-26 ta' Lulju 2016 kif sussegwentement varjat b'digriet ta' nhar il-25 ta' Marzu 2018. Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut mid-data meta ġew żborsati l-ispejjeż mill-esponenti. Il-konvenut huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni.*"

Huwa għalhekk ċar li l-attriċi qed titlob li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha s-somma hemm deskritta li tirrappreżenta nofs l-ispejjeż inkorsi mill-attriċi relattivament għas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri.

Meta wieħed jara d-dokumentazzjoni a fol. 20, 21 u 22 tal-proċess, jinduna li l-kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) għandha disa' talbiet. Ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet jirrigwardaw il-manteniment u l-arretrati tal-manteniment filwaqt li d-disa' talba (fol. 22) taqra:

"*Tordna u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha, jew porzjon stabbilita appożitament minn din l-Onorabbli Qorti, relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri Andrea Sant Veneziani, u dan kemm għal dawk li huma miżati u spejjeż kurrikulari kif ukoll extra-kurrikulari tal-minuri Andrea Sant Veneziani.*"

Meta t-Tribunal iżomm f'moħħu li l-element tal-*eadem causa petendi* jifforma ruħu mhux biss b'dak li ġie diskuss iżda anki b'dak kollu li seta' ġie diskuss, faċli wieħed jinduna li għalkemm il-varji rikorsi u risposti *pendente lite* fil-kawża pendenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) kienu preċiżament *pendente lite* u mhux tali li jkomplu jirregolaw l-andament tal-affarijiet wara t-tmiem ta' dik il-kawża, it-talba magħmula fir-rikors promotur f'dik il-kawża ma tipprekludix provvedimenti *pendente lite*. Għalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li jikkonkorru l-elementi tal-*eadem causa petendi* u *eadem res*.

Huwa ferm ovvju li l-element *eadem personam* huwa preżenti, kif jidher mill-okkju taż-żewġ kawżi.

It-Tribunal jirreferi ghal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li l-proċedimenti quddiemu għandhom ikunu sospiżi jekk azzjoni li tolqot it-talba quddiem it-Tribunal tkun pendenti quddiem qorti kompetenti.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal, wara li qara l-atti, sema x-xhieda, ra d-dokumentazzjoni ippreżentata u sema' t-trattazzjonijiet relattivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta, jissospendi l-proċedimenti quddiem sakemm il-proċedimenti quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) jiġu konklużi.

Finalment, it-Tribunal jordna li din is-sentenza tkun ikkomunikata lir-Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) sabiex tinġieb għall-konjizzjoni ta' dik l-Onorabbli Qorti sabiex b'hekk dik l-Onorabbli Qorti jkollha quddiemha l-aħjar informazzjoni possibbli.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**